MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 827/2007/1

**L-Avukat Robert Abela bhala mandatarju tal-assenti
Paul A. Smith u b'nota tas-7 ta' Novembru 2007
Paul Smith assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana illum Direttur Generali
(Dwana)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors li ressaq l-attur nomine fl-1 ta' Awwissu, 2007, li jaqra hekk:

“1. Illi r-rikorrent *nomine* huwa s-sid tal-vettura Mercedes mudell 250 SL li ghandha n-numru ta' registrazzjoni TAF 32.

“2. Illi fl-14 ta' Dicembru 1974, Joan Smith u cioe' omm l-esponent importat f'Malta temporanjament l-imsemmija vettura, liema vettura kienet giet sussegwentement elevata mill-Pulizija Ezekuttiva in konnessjoni ma' xi investigazzjoni li kienet qed tigi kondotta minnhom, u sussegwentement wara li din il-vettura damet ghal zmien konsiderevoli fil-pussess tal-Pulizija Ezekuttiva, irrizulta li din il-vettura ma kellha xejn x'taqsam mal-investigazzjoni in kwistjoni.

“3. Illi eventwalment din il-vettura kienet ghaddiet fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana u baqghet fil-pussess tieghu sal-lum, u cioe' ghal aktar minn wiehed u tletin (31)sena.

“4. Illi meta ftit taz-zmien ilu r-rikorrent dahal f'korrispondenza mal-Kontrollur tad-Dwana biex il-posizzjoni tigi regolarizzata u din il-vettura tkun tista' eventwalment tigi rilaxxjata a favur tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana qabad u arbitrarjament hareg nota ta' qbid fid-29 ta' Mejju 2007, hawn annessa u markata Dokument “PS”, dwar din il-vettura *ai termini* tal-artikolu 60 (j) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta; u dan meta l-vettura kienet ilha ghal wiehed u tletin (31) sena fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana minghajr m'ghamel xejn dwarha.

“5 Illi din in-nota ta' qbid ma nhargitx kontra l-esponent bhala s-sid registrat tal-imsemmija vettura u qatt ma giet notifikata lilu, u ghaldaqstant m'ghandha l-ebda effett billi nharget bi ksur tal-artikolu 72 tal-Kap 37.

“6. Illi *inoltre* din in-nota ta' qbid hija nulla u minghajr ebda effett u nharget bi ksur tal-ligi billi fl-ewwel lok kull jedd li l-Kontrollur tad-Dwana seta' kellu biex jezercita d-drittijiet tieghu skont il-ligi hu preskritt *ai termini* tal-artikolu 76 (2) (b) tal-Kap 37, u subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ma kien hemm l-ebda ksur tal-

artikolu 60 (j) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz odjern, u *inoltre* z-zewg artikoli tal-ligi citati fin-nota ta' qbid relattiva ma japplikawx ghall-kaz odjern.

“7. Illi ghal kull *buon fini* qed jigi konfermat illi l-valur tal-vettura in kwistjoni jeccedi l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000 = €11,646.87).

“Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tikkundanna u tiddeciedi illi r-rikorrenti hu s-sid tal-vettura Mercedes mudell 250 SL li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni TAF 32.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nota ta’ qbid numru 49/2007 hi nulla u m’ghandha l-ebda effett fil-konfront tar-rikorrenti *stante* illi din in-nota ta’ qbid nharget bi ksur tal-artikolu 72 tal-Kap 37 kif fuq inghad, u li *inoltre* din in-nota ta’ qbid hija wkoll nulla u minghajr ebda effett u nharget bi ksur tal-ligi billi fl-ewwel lok kull jedd li l-Kontrollur tad-Dwana li seta’ kellu biex johrog l-imsemmija nota ta’ qbid huwa preskritt *ai termini* tal-artikolu 76 (2) (b) tal-Kap 37, u billi ma kien hemm l-ebda ksur tal-artikolu 60 (j) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 17 tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-kaz odjern, u *inoltre* z-zewg artikoli tal-ligi citati fin-nota ta’ qbid relattiva ma japplikawx ghall-kaz odjern.

3. Tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja b’effett immedjat il-vettura Mercedes mudell 250 SL li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni TAF 32 a favur ir-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Preliminarjament l-okkju korrett ta’ dawn il-proceduri huwa kif jidher fir-rikors promotur u mhux kif jidher fl-avviz tas-smigh u ghalhekk hi mehtiega korrezzjoni fl-avviz tas-smigh.

“2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid tingieb prova tal-valur tal-vettura ghall fini kompetenza ta’ din il-Qorti, u dan ai termini tal-artikolu 72 (2) tal-Kap. 37.

“3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kienux segwiti d-dettami tal- artikolu 72 (2) fis-sens li l-ittra li kellha ssegwi n-nota ta’ qbid u li fiha l-persuna interessata kellha titlob ir-rilaxx tal-oggett maqbud, hija tardiva ghax hija datata 12 ta’ Lulju 2007 (Dok. “KD 1” anness), u ghalhekk possibbilment ir-rikors promotur u din il-procedura hija tardiva.

“4. Illi fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax issir f’dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha, stante li l-procedura odjerna hija procedura ghar-rilaxx t’oggetti maqbuda, u l-unika talba li tista’ ssir, b’piena ta’ nullita’, hija dik ghar-rilaxx tal-oggett, u dan ai termini tal- artikolu 73 (2) tal-Kap. 37.

“5. Illi dwar il-validita’ tan-nota ta’ qbid, l-esponenti jissottometti li n-nota ta’ qbid hija valida u nharget skont il-ligi. Dan ghaliex:

“a. Kuntrarjament ghal dak li jissottometti r-rikorrenti, m’hemm l-ebda perjodu ta’ zmien stipulat fil-ligi li fih trid tinhareg nota ta’ qbid.

“b. In-nota ta’ qbid inhareg kontra l-persuna li skont l-ahhar informazzjoni li kellha d-Dwana kienet il-persuna li dahhlet il-vettura f’Malta u ma’ kellha l-ebda informazzjoni ohra min kien is-sid tal-oggett u jekk ma’ jkollhiex informazzjoni fuq dan, mhix obbligata tfittex ghall-informazzjoni. Dan ai termini tal- artikolu 72 (1) tal-Kap. 37. Tajjeb jinghad li ghalkemm in-nota ta’ qbid inharget kontra David P. Jackson, huwa Paul A. Smith li kkontestaha u ghalhekk jidher car li hemm kuntatt bejn iz-zewgt persuni u li t-tnejn ghandhom xi rabta mal-vettura in kwistjoni. Tajjeb jinghad li kopja tan-nota nbaghtet ukoll lil Joan Smith, Joseph Aquilina u l-avukati Abela.

"c. Kuntrarjament ghal dak li jissottmetti r-rikorrenti, l-artikolu 76 tal-Ordinanza mhux applikabbli ghal kaz odjern stante li dan l-arrtikolu jittratta dwar proceduri kriminali. Ghalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni f'dan il-kaz.

"d. Kuntrarjament ghal dak li jissottemtti r-rikorrenti, kien hemm ksur tal-artikolu 17 (2) (d) tal-Kap. 337 u tal-artikolu 60 (j) tal-Kap. 37 f'dan il-kaz stante li din il-vettura ddahhlet Malta b'permess temporanju ta' importazzjoni, liema permess skada fl-14 ta' Jannar 1975. Wara din id-data l-vettura baqghet f'Malta minghajr ma' thallsu t-taxxi dovuti fuqha u minghajr ma' kienet esportata. Ghalhekk kienet konfiskata sa minn dakinhar. David B. Jackson qatt ma wiegeb ghall diversi interpellazzjonijiet li sarulu mid-Dwana biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.

"e. Illi ta' min jghid li permezz ta' proceduri kostituzzjonali numru 59/75 fl-ismijiet "Dr. Silvio Camilleri in rappresentanza ta' Joan Smith li tinsab imsiefra vs Kontrollur tad-Dwana" l-imsemmija Joan Smith kienet intalbet li l-Qorti tiddikjara li l-artikolu 16 (2) (d) (ii) tal-Kap 337 kif kien dak iz-zmien, jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u talbet ukoll li l-Qorti twaqqaf lill-Kontrollur tad-Dwana milli jbiegh il-vettura mertu tal-kaz. B'sentenz atal-Qorti Kostituzzjonali deciza fl-4 ta' Novembru 1983, l-Qorti Kostituzzjonali sabiex ksur tal-Kostituzzjoni b'imsemmi artikolu u baghtet lura l-atti biex tkun deciza t-talba l-ohra dwar il-bejgh. Il-proceduri fil-prim istanza marru dezerti fl-1 ta' April 1991 u ghalhekk il-punt dwar x'se jigri mill-vettura qatt ma kien deciz. Fil-frattemp kien emendat il-Kap 337 biex hekk inghatat facilita' ta' kontestazzjoni ghal konfiska ta' oggetti maqbuda taht dak li llum huwa l-artikolu 17 (2) (d) (ii). Ir-rikorrenti qed jilmenta li n-nota ta' qbid inharget issa wara tlettin sena mill-konfiska. Pero' kien proprio minhabba dawn il-proceduri li l-esponenti hareg in-nota ta' qbid minkejja l-konfiska tal-vettura sehhet fl-1975, biex tinghata fakulta' ta' kontestazzjoni lir-rikorrent jew lil min kellu interess fil-vettura, u dan proprju fl-istess kaz li minhabba fih inghatat il-fakulta' fil-ligi. Kieku kien mod iehor, kienet tkun ironija.

"f. Illi ta' min jghid ukoll li r-rikorrenti m'ghamel ebda talba dwar din il-vettura bejn il-1991, meta l-kawza marret dezerta, u sena ilu, meta talab ir-rilaxx tal-vettura mid-Dwana.

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant l-esponenti talab li din l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrih u hekk tikkonferma n-nota ta' qbid numru 49/2007 fl-effetti kollha taghha."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
"... ... ... filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fir-risposta tieghu datata 4 ta' Ottubru 2007 in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** b'dan illi:-

"1. Tiddeciedi illi r-rikorrenti hu s-sid tal-vettura Mercedes mudell 250 SL li ghandha n-numru ta' registrazzjoni TAF 32.

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nota ta' qbid numru 49/2007 hi nulla u m'ghandha l-ebda effett fil-konfront tar-rikorrenti *stante* illi din in-nota ta' qbid inharget bi ksur tal-**artikolu 72 tal-Kap 37** kif fuq inghad, u li *inoltre* din in-nota ta' qbid hija wkoll nulla u minghajr ebda effett u nharget bi ksur tal-ligi, billi fl-ewwel lok kull jedd li l-Kontrollur tad-Dwana seta' kellu biex johrog l-imsemmija nota ta' qbid huwa preskritt *ai termini* tal-**artikolu 76 (2) (b)** tal-**Kap 37**, u billi ma kien hemm l-ebda ksur tal-**artikolu 60 (j) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta** u l-**artikolu 17 tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta** fil-kaz odjern, u *inoltre* z-zewg artikoli tal-ligi citati fin-nota ta' qbid relattiva ma japplikawx ghall-kaz odjern.

"3. Tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja b'effett immedjat il-vettura Mercedes mudell 250 SL li ghandha n-numru ta' registrazzjoni TAF 32 a favur ir-rikorrent.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi jirrizulta li din il-procedura qed issir minn Paul A. Smith sabiex jiehu l-karozza Reg. No. “TAF 32” tal-marka Mercedes mudell 250 SL li kienet maqbuda mill-ufficjali tad-Dwana. Din il-vettura ingabet Malta fl-14 ta’ Dicembru 1974 minn certu David B. Jackson, sabiex tintuza minn omm ir-rikorrenti Joan Smith li kienet gejja ghal xi zmien Malta. L-istess karozza giet imhollija f’villa f’Marsascala u giet mehuda mill-Pulizija mill-istess post f’Jannar 1976 ghaliex kien hemm xi suspetti dwar l-istess karozza li sussegwentement ma mmaterjalizzawx. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess rikorrenti huwa s-sid tal-istess vettura u dan anke skont Dok. “PS 5” a fol. 40 tal-process.

“Illi minn dawn l-investigazzjonijiet ma rrizulta xejn izda l-Kontrollur tad-Dwana qabad l-istess vettura fit-23 ta’ Jannar 1976 skont l-**artikolu 16 (2) (d) (ii) tal-Att tal-1964** dwar Dazju ta’ Importazzjoni ghaliex kien gie allegat li kien hemm ksur tar-regolamenti tad-Dwana u b’dan jinghad li giet infomata biss Joan Smith (fol. 43). Tali artikolu kien jipprovdi li jekk xi oggetti jigu mahruga mid-depost taht permess temporanju u jinzammu fil-pussess ta’ dik il-persuna ghal zmien stipulat minghajr garanzija pekunarja u *inter alia* jekk tali oggetti ma jigux esportati fl-istess zmien dawn jistghu jigu kkonfiskati minghajr ebda htiega ta’ ebda provedimenti quddiem il-Qorti.

“Illi saret kawza kostituzzjonali fuq l-istess fl-ismijiet **“Dr. Silvio Camilleri nomine vs Kontrollur tad-Dwana”** datata 4 ta’ Novembru 1988 fejn gie deciz li l-istess artikolu jmur kontra l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** peress jipprovdi ghall-konfiska ta’ oggetti minghajr in-necessita’ ta’ proceduri quddiem il-Qorti u ghalhekk gie ddikjarat li l-istess **artikolu 16 (2) (d) (ii) tal-Att XI tal-1964** huwa null u bla effett (artikolu li gie mhassar bl-**artikolu 33 tal-Att XXV tal-1976).**

“Illi b’effett tal-istess sentenza allura jirrizulta li tali elevazzjoni tal-istess vettura mill-Kontrollur tad-Dwana giet ukoll resa bhala nulla u bla ebda effett fil-ligi u jinghad

ukoll li fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, l-process tal-kawza gie rinvjat lill-Ewwel Qorti sabiex tigi deciza t-tielet talba fir-rikors promotorju u cjoe' sabiex twaqqaf l-allegat bejgh li kien ser isir tal-istess vettura jew sabiex jinghata kull rimedju iehor. Jirrizulta izda wara li dan il-process gie rinvjat il-kawza marret dezerta fl-1 ta' April 1991.

"Illi jirrizulta li l-istess Joan Smith effettivament qatt ma giet Malta u wkoll li jidher li mid-data tal-istess decizjoni ma sar xejn mill-Awtorijiet koncernati hlief li l-istess vettura baqghet fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana. Jirrizulta wkoll li zmien wara saru diversi tentattivi mir-rikorrenti odjern sabiex il-vettura tigi rrilaxxata, tant li fil-21 ta' Awissu 2006 l-istess rikorrenti *tramite* l-avukat tieghu ta' dak iz-zmien Dr. George Abela li kiteb lill-intimat sabiex tigi rrilaxxata l-istess vettura (Dok. "RB"). Ma kienx hemm risposta ghall-istess ittra u allura inkitbet ohra datata 6 ta' Jannar 2007 (Dok, "RC").

"Illi b'risposta datata 29 ta' Jannar 2007 inghad li l-istess karozza dahlet Malta taht *"temporary importation permit"* li skada fl-14 ta' Jannar 1975 u jinghad fl-istess ittra li David B. Jackson kien gie mitlub diversi drabi sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u peress li dan ma ghamel xejn gew miksura t-termini ta' importazzjoni ta' l-istess skont id-dokument tad-Dwana T.I.T. 1070/74 u allura l-istess vettura ma setghetx tigi rilaxxata.

"Illi fid-29 ta' Mejju 2007 (Dok. "PS) harget nota ta' qbid b'riferenza ghad-data ta' Jannar 1976 u 11 ta' Frar 1976 sabiex biha giet maqbuda l-istess vettura minn *"Marsascala/Police General Headquarters, Floriana"* ghaliex gie allegat li kien hemm ksur tal-**artikolu 60 (j) tal-Kap. 37 u tal-artikolu 17 tal-Kap. 337** (Dok. "PS" – fol. 3). L-istess nota kellha tigi notifikata lil Joan Smith, Abela, Stafrace & Associates u Joseph Aquilina (fol. 3). B'ittra datata tat-12 ta' Lulju 2007 (Dok. "KD1") d-difensur tar-rikorrenti Dr. Robert Abela jirrizulta li ghan-nom tar-rikorrenti oggezzjona ghall-istess hrug ta' nota ta' qbid li harget 31 sena wara li l-istess vettura kienet fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana u meta kienet qed tigi skambjata

korrispondenza bejn l-intimat u r-rikorrenti anke *tramite* d-difensuri legali tieghu.

“Illi ghal dawk li huma notifiki li kellhom isiru tan-Nota ta’ Qbid fil-fatt jirrizulta li Joan Smith illum hija mejta, li d-ditta ta’ l-Avukati hemm indikati ma kienux mandatarji tal-istess attur, u li Joseph Aquilina ma ghandu llum ebda konnessjoni mar-rikorrenti.

“Illi dwar l-ewwel eccezzjoni din tidher li giet sorvolata bid-digriet datat 7 ta’ Novembru 2007.

“Illi dwar it-tieni eccezzjoni gie ppruvat li l-vettura ghandha valur li jrendi din il-procedura fil-kompetenza ta’ din il-Qorti u dan anke mix-xhieda ta’ l-istess rikorrenti fis-7 ta’ Novembru 2007 (fol. 53) li bl-ebda mod ma giet kontestata mill-intimat b’xi provi ta’ kwalunkwe natura.

“Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni li ma tistax issir talba sabiex ir-rikorrenti jigi ddikjarat sid tal-vettura u la darba saret din it-talba dan irendi l-proceduri taht l-**artikolu 73 tal-Kap. 37** bhala nulli u bla effett, din l-eccezzjoni hija legalment bla ebda bazi peress li dan l-istess artikolu bl-ebda mod ma jindika li hemm xi nullita’ jekk bhal dan il-kaz issir tali talba. B’hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Illi dwar is-sottomissjoni li tali Nota ta’ Qbid ma setghetx tinhareg issa wara iktar minn 31 sena li l-oggett ilu fil-pussess tad-Dwana u dan anke peress li tali procedura hija llum perenta a bazi tal-**artikolu 76 tal-Kap. 37** din il-Qorti thoss li s-sottomissjoni f’dan ir-rigward mir-rikorrenti hija gustifikata peress li l-istess artikolu jipprovdi li kull procediment sabiex jingabar xi penali pekunarja jew mod iehor kellu jsir f’isem il-Kontrollur fi zmien ghaxar (10) snin mid-data li l-oggetti jkunu mportati fir-rigward ta’ oggetti indikati fl-Iskeda mal-istess Att, u f’kull kaz iehor fi zmien sitt snin mid-data tal-kommissjoni tar-reat. F’dan il-kaz ghaddew aktar minn 31 sena, u din il-Qorti thoss li dan l-artikolu jirreferi ghall-proceduri kollha u mhux biss ghall-proceduri kriminali. Fil-fatt jirrizulta li l-istess artikolu jitkellem car u tond kemm dwar *“proceduri dwar xi reat kontra din l-Ordinanza”* u kif ukoll dwar *“kull procediment*

*biex jingabar penali pekunarja jew mod iehor taht din l-Ordinanza".* Dan huwa iktar sinifikattiv fil-kuntest tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fuq indikata – li trattat il-konfiska tal-istess oggett u ddikjarat li l-ligi li biha giet maqbuda l-istess vettura kienet nulla u bla effett – b'dan allura li l-konfiska ta' dak l-oggett dak in-nhar kienet nulla u bla effett u hekk baqghet.

"Illi minkejja dan, l-istess oggett baqa' fil-pussess tal-intimat ghal iktar minn 31 sena u kien biss fid-29 ta' Mejju 2007 li harget in-nota ta' qbid (Dok. "PS") u dan skont l-intimati sar *"biex b'hekk inghatat il-facilita' ta' kontestazzjoni ghal konfiska ta' oggetti maqbuda taht dak li llum huwa l-artikolu 17 (2) (d) (ii). Ir-rikorrent qed jilmenta li n-nota ta' qbid inharget issa wara tletin sena mill-konfiska. Pero' kien proprju mhabba dawn il-proceduri li l-esponenti hareg in-nota ta' qbid minkejja l-konfiska tal-vettura li sehhet fl-1975, biex tinghata l-fakulta' ta' kontestazzjoni lir-rikorrent jew lil min ikollu interess fil-vettura, u dan proprju fl-istess kaz li minhabba fih inghatat din il-fakulta' fil-ligi".* (para. (e) tar-risposta tal-intimat tal-4 ta' Ottubru 2007 – fol. 20).

"Illi dwar dan l-argument jinghad li dan ifisser biss li l-istess intimat hass li kellu jaderixxi ruhu mal-ligi fis-sens li kien permezz tal-istess nota ta' qbid mahruga  abbazi tal-**artikolu 72 tal-Kap. 37** fuq il-premessa li kien hemm ksur l-**artikolu 17 (2) (d) (ii) tal-Kap. 337** li huwa hareg in-Nota ta' Qbid, u *stante* li l-istess **artikolu 17 (2) (d)** jirreferi ghall oggetti li ma' jigux esportati minn Malta fi zmien tliet xhur mid-data li gew importati, allura dan ifisser li l-istess intimat kien qed jirreferi ghal meta l-istess vettura dahlet Malta l-ewwel darba fis-sena 1974, ghalkemm l-istess vettura ilha fil-pussess tal-Pulizija minn Jannar 1976 (u forsi ghalhekk fl-istess nota hemm riferenza proprju ghal din id-data) u wara ghand l-intimat stess, b'dan allura li la darba l-istess intimat hass il-htiega li jagixxi issa ghall-konfiska tal-istess vettura b'nota ta' qbid, jirrizulta li huwa stess ikkunsidra li minkejja li fil-pussess tieghu baqa' jzomm l-istess vettura, legalment ma' kienet sehhet l-ebda konfiska favur tieghu ghaliex kieku ma kienx hemm in-necessita' ta' hrug ta' Nota ta' Qbid. Mhux hekk biss izda

mis-sentenza Kostituzzjonali jirrizulta li l-konfiska li saret dak iz-zmien kienet nulla u bla effett, peress li l-ligi li tahtha l-intimat ha l-pussess tal-istess vettura giet iddikjarata bhala nulla u bla effett skont il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq citata.

"Illi kwantu ghall-eccezzjoni li bl-istess rikors odjern ma gietx segwita l-procedura skont l-**artikolu 72 (2) tal-Kap. 37** jinghad li f'dan il-kaz jirrizulta li r-rikorrenti qatt ma gie moghti avviz bil-miktub tal-istess qbid skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 72 (1) tal-Kap. 37** u dan meta s-sid tal-istess vettura kien maghruf (fol. 40 tal-process), tant li hemm ittri miktuba mid-difensuri legali tar-rikorrenti lill-intimat qabel id-data tan-nota ta' qbid tad-29 ta' Mejju 2007, tant li hemm korrispondenza mir-rikorrenti datata 21 ta' Awissu 2006 (Dok. "RB") u 6 ta' Jannar 2007 (Dok. "RC"), fejn fl-istess ittri jidher li r-rikorrenti qed jghid li huwa s-sid tal-istess vettura u qed jaghti l-indirizz tieghu fl-Ingilterra. Tali ittri hemm risposta taghhom mill-intimat b'ittra datata 29 ta' Jannar 2007 (Dok. "RD"), izda wara dan in-Nota ta' Qbid ma gietx notifikata lill-istess rikorrenti bl-ebda mod u allura din l-eccezzjoni qed tigi michuda; dan anke fid-dawl ta' dak li nghad mill-intimat stess f'paragrafu (e) tar-risposta tieghu – ghaliex ladarba qed jghid li harget in-nota sabiex b'hekk l-istess rikorrenti jkollu opportunita' li jikkontestaha, mela allura isegwi li kien logiku, gust u ekwu, u legalment impost li r-rikorrenti bhala sid li kien jaf bih l-intimat, jigi avzat bl-istess nota ta' qbid ghaliex altrimenti tali kontestazzjoni jew opportunita' ghall-istess provduta mill-ligi, voluta mill-istess intimat, ma setghetx issir.

"Illi fl-ahharnett jinghad li f'paragrafu (f) fl-istess risposta tal-intimat datata 4 ta'Ottubru 2007, huwa stess jghid li kien jaf li r-rikorrenti huwa s-sid tal-istess vettura tant li hemm miktub li *"ta' min jghid ukoll li r-rikorrenti m'ghamel l-ebda talba dwar din il-vettura bejn l-1991 u sena ilu"* (fol.21). Illi in vista ta' din il-konkluzjoni din il-Qorti thoss li gie ppruvat ukoll li ladarba tali nota ta' qbid ma hargitx kontra r-rikorrenti bhala sid tal-istess vettura u la darba qatt ma giet notifikata lilu mela allura tali nota ta' qbid harget bi ksur tal-**artikolu 72 tal-Kap. 37** u ghalhekk anke

fuq din il-bazi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat f'dan il-kuntest qed jigu michuda.

"Illi dwar l-argumenti l-ohra mressqa mir-rikorrenti thoss li dawn huma gustifikati peress jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 60 (j) tal-Kap. 37** u l-**artikolu 17 tal-Kap 337** dawn jirreferu ghall-kazijiet meta oggetti jibqghu Malta meta suppost kellhom jergghu jinhargu minn Malta. Effettivament f'dan il-kaz il-vettura waslet Malta fis-sena 1974 u jidher li baqghet Malta peress li kienet fil-pussess tad-Dwana skont ligi li giet iddikjarata bhala nulla u bla effett. B'hekk il-pussess tal-istess vettura f'idejn l-intimat minn dak iz-zmien baqa' skopert legalment sakemm harget in-Nota ta' Qbid mertu tal-kaz odjern, u ghalhekk a bazi ta' dawn ic-cirkostanzi l-artikoli hemm citati fl-istess nota ta' qbid ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern, peress li l-istess vettura baqghet dejjem fil-pussess tal-istess intimat, u baqghet fil-pussess tieghu anke wara l-ezitu tas-sentenza Kostituzzjonali. Kien minhabba dan fuq kollox li l-istess vettura baqghet hawn Malta ghal dan iz-zmien kollu dejjem fil-pussess tal-istess intimat. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat f'dan ir-rigward.

"Illi apparti minn dan din il-Qorti thoss li taht dawn ic-cirkostanzi wkoll il-ligi applikabbli hija dik ta' meta harget in-Nota ta' Qbid, u jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia bhala rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li minn meta Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea ma hemm impost ghall-ebda dazju izda taxxa ta' registrazzjoni u VAT fuq l-istess taxxa li jingabru mill-Awtorita' u mhux mill-intimat.  B'hekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu milqugha anke minhabba dawn ir-ragunijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet premessi tal-25 ta' Gunju 2009, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti u hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta vettura tat-tip Mercedes mudell 250 SL b'targa barranija li giet ikkonfistkata mill-konvenut fl-1975 (!) u li ghadha fil-pussess taghha sallum.

Din il-karozza ddahhlet Malta fl-1974 b'permess temporanju, u wara xi zmien giet elevata mill-pulizija peress li kien mahsub li kienet konessa ma' xi reat. Meta l-investigazzjoni uriet li l-vettura ma kellhiex x'taqsam, kellha, suppost, tinghata lura lil sidha, pero`, giet ikkonfiskata mill-konvenut peress li, fil-frattemp, kien skada l-permess biex il-vettura setghet tibqa' Malta. Il-konvenut hareg nota ta' qbid fuq il-vettura, li, pero`, giet ikkontestata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali, b'decizjoni tal-4 ta' Novembru, 1988, sabet li l-artikolu tal-ligi li bis-sahha tieghu saret il-konfiska (Artikolu 16(2)(d)(ii) tal-Kap. 337, l-Att dwar id-Dazju ta' Importazzjoni) kif kien dak iz-zmien, kien jikser id-drittijiet fundamentali tal-attur; x'kellu jigri mill-vettura ma giex deciz, u din baqghet fil-pussess tal-konvenut.

Fl-2006 l-attur kiteb lill-konvenut u talab ir-rilaxx tal-vettura. Il-konvenut, pero`, fl-2007, hareg nota ta' qbid iehor u kkonfiska l-istess vettura. L-attur nieda dawn il-proceduri biex jitlob ir-rilaxx tal-vettura.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur u dan wara li qieset li l-vettura damet fil-pussess tal-konvenut ghal aktar minn wiehed u tletin (31) sena minghajr ma ghamel xejn, u issa kull azzjoni li seta' jiehu fir-rigward kienet preskritta.

Il-konvenut appella mis-sentenza u argumenta illi la darba qatt ma gie deciz x'jigri mill-vettura wara s-sentenza tal-

Qorti Kostituzzjonali ta' Novembru, 1988, hu kellu dritt izomm il-pussess tal-vettura, aktar u aktar meta ma saret ebda talba ghar-rilaxx taghha qabel l-2006. Jghid ukoll li kellu kull dritt johrog nota ta' qbid fl-2007, peress li kien skada l-permess temporanju fuqha.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-konvenut. Fl-1975 il-vettura giet konfiskata bis-sahha ta' ligi li giet dikjarata nulla u anti-kostituzzjonali. La darba l-amministrazzjoni tista' tagixxi biss kif u sa fejn hi awtorizzata bil-ligi, u darba l-konvenut ma kellux awtorizzazzjoni legali biex jikkonfiska l-vettura, l-istess konfiska kienet nulla u *ultra vires* il-poteri tal-konvenut. Ghalhekk, wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-vettura kellha immedjatament tigi rilaxxata a favur min dahhalha f'Malta.

Jekk kien hemm bzonn, l-istess vettura setghet terga' tigi konfiskata <u>wara</u> li tkun inbidlet il-ligi u l-konvenut moghti <u>poter legali</u> biex hekk jagixxi. Jekk kien hemm xi problema biex jinstab dak li kien importa l-vettura, il-konvenut kellu jiddepozita l-vettura taht l-awtorita` tal-qorti biex b'hekk jezimi ruhu minn kull responsabbilita` fuq l-istess. Anke wara li tkun hekk depozitata, il-konvenut seta' jissekwestra l-istess vettura jekk kellu pretensjoni valida fir-rigward. Il-konvenut, pero`, ma ghamel xejn. Avolja kien gie dikjarat li ma kellu ebda forza legali biex jikkonfiska l-vettura, xorta zamm il-vettura fil-pussess tieghu – issa b'mod illegali – u nonostante emenda fil-ligi, il-konvenut baqa' ma rregolax il-posizzjoni tal-vettura sakemm, wara cirka tletin (30) sena, rega' sar kuntatt mieghu minn sid il-vettura. L-agir tal-konvenut kien illegali u abbuziv u ma kellu qatt izomm ghandu vettura ta' terzi meta ma kellu ebda titolu li jaghmel hekk.

Il-konvenut jargumenta li l-attur ghandu tort talli dam daqshekk ma kkuntattjah dwar il-vettura. Din il-Qorti ma taqbilx. Fil-kuntest ta' esproprijazzjoni ta' art, li dwarha l-awtoritajiet ma jkunu hadu ebda passi biex jirregolarizzaw it-tehid u jhallsu l-kumpens gust, il-Qorti Kostituzzjonali osservat aktar minn darba li ma kellux ikun mistenni li c-cittadin joqghod jigri wara l-awtoritajiet u jinsisti hu

maghhom biex isir dak li kellu jsir halli t-tehid tal-artijiet jigi regolarizzat. Kien dmir tal-awtoritajiet kompetenti li hadu l-art, li jaraw li l-process ta' tehid formali tigi konkluza fi zmien ragjonevoli, u kull dewmien kien responsabbilita` taghhom, tant li kellhom iwiegbu ghall-istess.

Anke hawn, il-konvenut ma kellux jistenna lil sid-il karozza jikkuntattjah qabel ma jirreagixxi. Kien hu li kkonfiska l-karozza, b'poter apparenti li wara gie dikjarat null (ghax jikser id-drittijiet fundamentali tal-importatur). Il-karozza kienet fil-pussess tieghu u sta ghall-konvenut li jirregola l-posizzjoni ta' konfiska jew jiddepozita l-istess taht l-awtorita` tal-Qorti biex jezimi ruhu minn kull responsabbilita` fil-konfront tal-istess vettura. Il-konvenut, pero`, baqa' jzomm f'idejh l-istess vettura u ma ghamel xejn, u dan lanqas wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Novembru, 1988.

Il-konvenut jghid li, f'kul kaz, ma ghandux jigi ordnat li jirrilaxxja l-vettura, peress li issa din tinstab konfiskata a favur tieghu bis-sahha ta' nota ta' qbid li hareg fl-2007, u li hi valida peress li kien skada l-permess temporanju fuqha. Din il-Qorti, pero`, taqbel ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fis-sens li kull azzjoni in relazzjoni mal-istess vettura hi llum preskritta. Il-ligi tqis bhala "reat" iz-zamma ta' vettura hawn Malta wara l-iskadenza tal-licenzja temporanja u minghajr ma jithallas id-dazju fuqha. L-Artikolu 76 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid li kull proceddiment taht l-Ordinanza irid jittiehed fi zmien ghaxar snin mid-data li fiha l-oggetti jkunu importati. Dan l-artikolu, li jaqa' taht it-Titolu generali ta' "Setghat u Procedimenti", hu wiesgha bizzejjed biex jolqot mhux biss il-proceduri ta' natura kriminali, izda anke dawk ta' natura civili, tant li jolqot bl-istess terminu preskrittiv kull procediment biex tingabar xi penali pekunjarja. L-artikolu jolqot "kull procediment taht din l-Ordinanza", u kwindi jolqot kull att amministrattiv marbut ma' ksur ta' dik il-ligi. Fuq kollox, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u biex jigu evitati dubji 'l quddiem, l-argument tal-konvenut li ma jezisti ebda terminu biex hu jagixxi skont il-ligi, hija asserzjoni zbaljata, ghax, anke f'dan ic-cirkostanza bhal kull cirkostanza ohra, japplika l-Artikolu 2143 tal-Kodici

Civili li jghid li "l-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin (30) sena". Mehud konsiderazzjoni tal-fatt li l-vettura in kwistjoni giet importata f'Malta fl-1974, hu zgur li ebda azzjoni ma setghet tittiehed fir-rigward wara l-2004.

Ghar-rigward tal-aggravju l-iehor marbut mal-ewwel talba attrici, tali dikkjarazzjoni hu mehtieg li tintalab, peress li min jitlob ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda jrid juri interess guridiku biex jagixxi, u f'dan il-kaz l-attur ried jirradika dak l-interess fid-dritt tieghu ta' proprjetarju.

L-aggravji l-ohra ghandhom ukoll jigi michuda. Kif gia` intwera, hija bla bazi l-asserzjoni tal-intimat li hu mhux obbligat ifittex min hu s-sid tal-oggett. Ir-rikorrent kien jaf min kien is-sid tal-vettura, u dan zgur mill-atti tal-kawza kostituzzjonali li kienet infethet fl-1975. Hu kellu obbligu jagixxi tempestivament biex jikkonkludi l-process kif inghad aktar qabel u dan wara li kien gie dikjarat li ma kellux il-poter mehtieg li jagixxi meta kkonfiska l-vettura fl-1975.

Ghar-rigward tal-validita` tal-azzjoni odjerna, l-artikolu 72 tal-Ordinanza jghid li mal-hrug tal-qbid, il-konvenut "ghandu jaghti avviz bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda, jekk maghruf". Irrizulta li l-avviz lill-attur qatt ma nghata wara l-qbid tal-2007, avolja l-konvenut jistqarr u jammetti li fl-2006, jigifieri sena qabel il-konfiska, "ir-rikorrent (l-attur) kiteb lill-esponent (il-konvenut) fejn talab ir-rilaxx tal-vettura". Dan l-avviz kien mehtieg li jintbaghat la darba l-konfiska ma saretx fil-presenza tal-proprjetarju, u biex dan tal-ahhar ikun jaf li giet konfiskata l-vettura tieghu, u li allura jiskatta t-terminu moghti lilu ghal kontestazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana billi tichad l-istess, u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------